

- fil-każ li kuntratt għall-amministrazzjoni u għall-manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' binja f'kondominju jiġi konkluż bejn l-amministratur u l-laqqgħa ġenerali tal-kondominju jew l-assoċjazzjoni ta' proprjetarji ta' din il-binja, persuna fiżika, il-proprjetarju ta' appartament f'din il-binja msemmija l-aħħar, tista' titqies bħala "konsumatur", fis-sens tad-Direttiva 93/13, sakemm din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "parti" f'dan il-kuntratt, u ma tużax dan l-appartament esklużivament għal finijiet li jaqgħu taħt l-attività professjonali tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 412, 11.10.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Ottubru 2022 – CE vs Il-Kumitat tar-Regġuni**

(Kawża C-539/21 P) (<sup>1</sup>)

*(Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Skema applikabbli għall-membri tal-persunal l-oħrajn – Artikolu 2(c) – Kuntratt għal żmien indeterminat – Xoljiment antiċipat bi preavviż – Artikolu 47(ċ)(i) – Ksur tar-rabta ta' fiduċja – Modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-preavviż – Żball manifest ta' evalwazzjoni u żball tad-dritt – Omissjonijiet – Rikors għal annullament u għal kumpens)*

(2022/C 472/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellant:* CE (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avocate)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kumitat tar-Regġuni (rappreżentanti: S. Bachotet u M. Espárrago Arzadun, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, Rechtsanwalt)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) CE huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 24.1.2022

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-20 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) – il-Latvja) – “Mikrotīkls” SIA vs Valsts ieņēmumu dienests**

(Kawża C-542/21) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Tariffa doganali komuni – Nomenklatura Magħquda – Klassifikazzjoni tariffarja – Intestatura 8517 – Subintestaturi 8517 70 11 u 8517 70 19 – Antenni għal apparati ta' routing)*

(2022/C 472/25)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* “Mikrotīkls” SIA

*Konvenut:* Valsts ieņēmumu dienests